MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 494/2002/1

**Raymond Abdilla**

**vs**

**Gustav Callus sive Michael A. Callus**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-30 ta' April, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi;

L-attur Raymond Abdilla kien ser jixtri karozza *Mercedes E Class* numru ta' registrazzjoni *R 129 BMV* minghand il-konvenut *Gustav Callus sive Michael A. Callus* bil-prezz ta' tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm22,000) kollox kompriz, inkluz id-dazju, u tah *cheque* ghas-somma ta' Lm22,000 datat 17 ta' April, 2002 mahrug fuq *Michael A. Callus*, l-isem moghti mill-konvenut innifsu.

Sussegwentement, minn dina s-somma, il-konvenut ha ghaxart elef lira (Lm10,000) *cash* u r-rimanenti tnax-il elf lira (Lm12,000) iddepozitahom fl-*account* tal-kugina tieghu *Rita Dalmas* fil-*Bank of Valletta Plc*.

Din il-proposta ta’ bejgh thassret.

Il-konvenut irrifonda biss Lm10,000 *cash* lill-attur li sussegwentement iddepozitahom il-*Bank*, filwaqt li r-rimanenti Lm12,000 il-konvenut kellu jirrifondihom lill-attur wara li jigbidhom mill-kont ta’ *Rita Dalmas* u jaghmel *inter-account transfer* jew *bank draft* favur l-attur. Ghal dan l-iskop, gie ffissat appuntament ghal nhar il-Gimgha, 19 ta’ April, 2002, fil-*Bank of Valletta Plc*, *Republic Street Branch*. Izda l-*Bank* ma setax jaqdihom, u ghalhekk gie ffissat appuntament iehor ghal 11.00a.m. fl-istess jum fil-fergha ta’ *San Gwann* tal-*Bank of Valletta Plc*, izda *Rita Dalmas* ma dehret imkien biex tawtorizza l-*izbank*. Ghalhekk sar it-tielet appuntament ghas-2.30p.m., izda sakemm waslu l-fergha tal-*Mosta* tal-*Bank of Valletta Plc* il-*Bank* lahaq ghalaq. Il-konvenut qallu li kien *“gabhom cash”* izda ried *“document mill-Bank”* u allura anke f’din l-okkazzjoni l-attur baqa’ ma hax lura t-Lm12,000 li kien fadallu jiehu. Izda l-konvenut ippromettielu li kien ser jiddepozita dawn it-Lm12,000 f’kont fil-*Bank* f’isem l-attur.

Il-konvenut kien qal lill-attur li hu kien fadallu hawn Malta gimgha ohra u kien qallu wkoll li l-*mobile* tieghu jzommu dejjem mixghul, izda l-attur sabu *“not in a position to respond”* mill-4.45p.m. sas-6.30p.m., l-attur beda jissuspetta li l-konvenut qed jipprova jingannah. Peress li l-*Bank* rega’ fetah filghaxija, l-attur ivverifika mal-*Bank of Valletta Plc* u sab li ma kien sar l-ebda depozitu. Ghalhekk, baqa’ sejjer ifittex lil *Rita Dalmas* dak il-hin stess u din qaltlu b’riferenza ghall-konvenut *“dak siefer illum”*.

L-attur, ixxokkjat, baqa’ sejjer *Pinto Whalf* minn fejn issir l-imbarkazzjoni u bl-ghajnuna tal-konsulent legali tieghu u tal-Pulizija rnexxielu jzomm lill-konvenut milli jitlaq minn Malta bil-karozza *Mercedes*. Il-konvenut gie

sussegwentement interrogat mill-Pulizija u mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn gie akkuzat bi frodi ta' Lm12,000 ghad-dannu ta' l-attur.

Is-somma ta' Lm12,000 baqghet ma nstabitx u l-Pulizija sejrin jitolbu li l-karozza *Mercedes* tigi *"stripped"* mill-esperti forensici bit-tama li jinstabu l-flus.

Filwaqt li l-konvenut kien qal lill-attur u lil certu *Possidio Sciberras* illi huwa kien jismu *Michael A. Callus*, kien irrizulta lill-Pulizija li l-konvenut jismu *Gustav Callus*.

Il-konvenut ikkommetta qliegh b'qerq ghad-dannu ta' l-attur ghas-somma ta' Lm12,000, apparti danni ohra li ghad iridu jigu likwidati.

Nhar il-Hadd, 21 ta' April, 2002, l-atturipprezenta b'urgenza talbiet ghall-hrug ta' Mandati ta' Inibizzjoni, Qbid u Sekwestru kontra l-konvenut, liema talbiet gew milqugha sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut iddefrawda lill-attur u kkawzalu dannu fis-somma ta' Lm12,000, liema somma tifforma parti minn somma akbar li l-attur kien hallas lill-konvenut bil-hsieb li jixtri karozza *Mercedes* kif inghad fuq.

2. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm12,000 dovuta kif fuq inghad.

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali.

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-agir illegali tal-konvenut.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru 858/02, Mandat ta' Qbid 859/02 u Mandat ta' Inibizzjoni 860/02 fl-ismijiet *"Raymond Abdilla vs. Michael A. Callus"*, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet legali fuq is-somma ta' Lm12,000 mid-19 ta' April, 2002 u bl-imghax skond il-ligi fuq id-danni l-ohra likwidati.

Rat in-nota imressqa mill-Avukat Dottor George Cutajar li biha assuma l-atti tal-kawza bhala mandatorju tal-konvenut li jinsab assenti minn dawn il-gzejjer;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut *nomine* li *in forza* taghha ecepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-eccipjent *in effetti* rrifonda l-flus kollha li kienu gew mghoddija lilu mill-attur u huwa il-konvenut *nomine* li qieghed jigi assoggetat ghall-fabbrikazzjoni ta' akkuzi serji mill-attur u minn persuna ohra u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni;

2. Minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-attur ma jistghax jitlob li jigi risarcit ebda danni *stante* illi l-limitu ta' danni li huwa setgha sofra f'kaz li tigi pruvata t-tesi tieghu hija sal-ammont ta' Lm12,000. U f'kull kaz tali danni ghandhom jigu pruvati.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz *tenut kont* tal-fatt illi l-konvenut proprju jinsab assenti minn dawn il-gzejjer u *in effetti* kien hekk assenti sahansitra meta giet notifikata l-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' din il-kawza huma pjuttost cari. L-attur, li ghandu negozju ta' bejgh ta' zebgha, fis-17 ta' April, 2002, mar ghand hanut ta' klient tieghu biex jaghmel konsenja. Waqt li kien fil-hanut, il-proprjetarju tal-hanut introducieh mal-konvenut li qal li kien jismu *Michael A. Callus* u li kien tabib; sid tal-hanut qal lill-attur li l-konvenut kellu karozza ghal-bejgh u stqarr li lill-konvenut kien jafu bhala gentlom.

L-attur ra l-karozza, li kienet ipparkjata barra l-bieb tal-hanut, ghogbitu u beda jiddiskuti mal-konvenut il-prezz tal-vendita. Il-konvenut kien dahhal il-karozza *Malta* taht *temporary import licence* u, ghalhekk, ma kienx hallas dazju fuqa meta dahhalha *Malta*. Ftehmu li l-prezz tal-bejgh kellu jkun Lm22,000 kollox kompriz, inkluz id-dazju. L-attur, allura, qal lill-konvenut li hekk kif il-konvenut ihallas id-dazju relattiv (li gie stmat li kellu jkun Lm10,000), icempillu halli jikkonkludi t-*transfer*. Il-konvenut, *pero'*, ma riedx ihallas id-dazju minn butu, ghax argumenta li jekk wara li jkun hallas id-dazju, l-attur ma jkunx irid il-karozza, ikun hallas dazju ghal xejn, u dan peress li jekk l-attur ma kienx ried il-vettura, huwa, *cioe'*, il-konvenut, jaqbillu ma jhallas dazju xejn u jerga' jmur lura l-*Italja* bil-karozza. L-attur fehem il-preokkupazzjoni tal-konvenut u accetta li jhallsu l-flus bil-quddiem. Dak il-hin ikkuntatja habib tieghu li jahdem mal-*Bank of Valletta plc,* certu Possidio Sciberras, fejn l-attur kellu d-depozitu, u nfurmah li kien gej biex johrog *cheque* ghall-Lm22,000. Il-partijiet marru flimkien fil-*branch* tal-*Bank of Valletta* tal-Belt, u l-attur ghadda *cheque* ta' Lm22,000 lill-konvenut. Dan, *pero'*, qal li ried il-flus *cash*, izda l-attur, anke fuq parir tal-habib tieghu li jahdem fil-*Bank*, ma riedx jaghtih il-flus kollha f'*cash*. Peress li l-konvenut ried ihallas id-dazju dak il-hin, ftehmu li l-konvenut jiehu s-somma ta' Lm10,000 f'*cash*, u r-rimanenti Lm12,000 jigu depozitati fil-kont li l-kugina tal-konvenut, *Rita Dalmas*, kellha mal-*Bank of Valletta* (u dan peress li l-konvenut ma kellux kont bankarju f'ismu mal-*Bank of Valletta*).

Bil-flus fil-but tal-konvenut, il-partijiet marru flimkien fl-ufficcju tad-Dwana biex ihallsu d-dazju. Ufficcjal tad-Dwana qalilhom, *pero'*, li d-dazju fuq dik il-karozza ma kienx Lm10,000, izda Lm12,500. Il-konvenut qarras wiccu u stqarr li ma riedx johrog id-differenza hu, u ried li din ihallasha l-attur. L-attur ma riedx ghax insista li l-prezz miftiehem ta' Lm22,000 kellu jkopri kollox, inkluz id-dazju. Peress li ma ftehmux fuq dan u hadd minnhom ma ried johrog id-differenza, ftehmu li jinsew kollox u jhassru l-ftehim. Il-konvenut radd lura lill-attur is-somma ta' Lm10,000 *cash* li kellu fuqu, u ftehmu li jiltaqghu l-*Bank* biex l-attur ikun jista' jiehu l-bilanc ta' Lm12,000.

Ftehmu li fid-19 ta' April, 2002, jiltaqghu fil-*branch* tal-Belt tal-*Bank of Valletta* biex l-attur jiehu flusu lura. Il-*Bank*, *pero'*, ma setghax jaghtihom il-flus peress li kienu depozitati fuq isem *Rita Dalmas*, u din la kienet prezenti u lanqas tat awtorizazzjoni biex jigu zbankati l-flus mill-kont taghha. Dak il-hin, il-konvenut ried li l-attur jiffirmalu karta li kienet tghid li hu, jigifieri l-attur, kien ha lura kemm Lm10,000 f'*cash* kif ukoll it-Lm12,000 l-ohra, izda l-attur, peress li ma kienx ghadu ha s-somma ta' Lm12,000, ma iffirmahiex, u dan wara li fetahlu ghajnejh l-indikat habib tieghu li jahdem mal-*Bank of Valletta*.

Dak il-hin, ftehmu li jiltaqghu fil-11.00a.m. fil-fergha ta' *San Gwann* tal-*Bank of Valletta*, fejn kellha tkun prezenti wkoll *Rita Dalmas*, u dan biex isir l-izbank. L-attur mar f'dik il-fergha u ltaqa' mal-konvenut, izda ghalkemm stennew lil *Rita Dalmas* ghall-hin twil, din baqghet ma dehritx.

L-ghada, il-konvenut cempel lill-attur u spjega li l-kugina tieghu ma kienetx giet il-*Bank* peress li inqaletilha emergenza u kellha tidhol l-isptar. Ftehmu li jiltaqghu fil-*Branch* tal-*Bank of Valletta* tal-Belt, izda hemmhekk ma sarx il-hlas. Ftehmu, allura, li jmorru fil-*branch* tal-*Bank of Valletta* tal-*Mosta* halli hemm isir il-hlas fil-kont tal-attur; il-konvenut qallu li hu se jkollu l-flus fuqu halli ma jkollhiex ghal-fejn tinqala' l-kugina *Rita Dalmas*. L-appuntament kien li jiltaqghu fis-2.30pm billi l-konvenut jghaddi d-dar tal-attur, u jibqghu imorru flimkien il-*Bank*.

Gara li l-konvenut ittardja ma ghadda ghal-attur, b'dan li meta waslu l-*Bank* sabuh maghluq. Il-konvenut qallu li kellu l-flus fuqu u ried jurihom lill-attur. L-attur, *pero'*, ma riedx juri l-flus fil-pubbliku, izda talbu li jehodhom u jiffirmalu ricevuta dak il-hin. Il-konvenut, *pero'*, ma riedx li jaghti l-flus lill-attur jekk ma jkollux *"release"* mill-*Bank*, ghax beza li *altrimenti* jibqa' skopert.

Peress li l-*Bank* kellu jerga jiftah fl-4.30pm, il-konvenut qal lill-attur biex imur ix-xoghol u jhalli f'idejh; weghdu li malli jiftah il-*Bank*, jiddepozita l-flus fil-kont tal-attur u jhallilu c-*chit* fil-kaxxa postali tad-dar tieghu. L-attur afdah, u mar fetah il-hanut tieghu. Kull tant hin, *pero'*, beda jcempel lill-mara tieghu biex jara l-konvenut halhix ic-*chit* fil-*letter box*, u beda jcempel anke l-*Bank* biex jara sarx id-depozitu. Meta r-risposti li beda jircievi kienu kollha fin-negattiv, ipprova jcempel lill-konvenut fuq il-*mobile*, izda ghalkemm il-konvenut kien qallu li hu jzomm il-*mobile* dejjem mixghul, beda jsib il-*mobile* mitfi.

Meta ra hekk, l-attur ipanikja u cempel lill-habib tieghu li jahdem mal-*Bank of Valletta* u spjegalu x'gara. Ftehmu li jmorru flimkien ifitxuh ghand *Rita Dalmas*, fejn kien joqghod waqt li kien Malta. Meta waslu hemm, din qaltilhom li l-konvenut kien siefer. L-attur qal li dan ma jistax ikun peress li l-konvenut kien qallu li kellu gimgha ohra hawn Malta. Meta *Rita Dalmas* baqghet tinsisti li l-konvenut siefer, siehbu qallu biex jinzlu *Pinto Wharf* biex forsi jilqugh hemm.

Meta waslu hemm sabu li, fil-fatt, il-konvenut kien sejjer isiefer dak il-hin, u wara rapport li ghamlu mal-Pulizija, u bl-ghajnuna tal-Avukat taghhom, irnexxielhom izomm il-vapur milli jitlaq sakemm il-Pulizija nizlu lill-konvenut u l-vettura tieghu minn *aboard*. Il-Pulizija arrestaw lill-konvenut u haduh l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt. Il-konvenut talab li jkellem lill-Avukat tieghu, u meta dan nizel l-Ghassa allega li dak li kien qed jghid l-attur ma kienx minnu ghax il-konvenut kien, fil-fatt, irrifonda l-flus kollha lill-attur. Il-Pulizija hawnhekk arrestaw lill-attur ukoll, izda wara interrogazzjoni li ghamlu kemm lill-attur kif

ukoll lill-konvenut, iddecidew li jirrilaxxjaw lill-attur u jressqu lill-konvenut taht arrest; fil-fatt ressquh b'urgenza fil-gurnata tal-Hadd stess.

Fil-frattemp, il-Pulizija ghamlu tfittxija fil-karozza tal-konvenut, izda ma sabux il-flus. Il-karozza ghada mizmuma mill-Pulizija fid-*depot* taghhom ta' *St. Andrews*.

Meta kienu l-Ghassa tal-Pulizija, l-attur sar jaf li l-konvenut la kien jismu *Michael A. Callus* u lanqas ma kien tabib; sar jaf li ismu hu *Gustav Callus* u li xoghlu kien li jiehu hsieb il-morda waqt vjaggi li kienu jaghmulu. Il-konvenut kien ta' lill-attur *business card* li fuqha kellu stampat li ismu kien *Michael A. Callus*; din il-*card* giet mill-attur ezebita fl-atti tal-kawza kriminali li l-Pulizija fethu kontra l-konvenut fejn qed jigi akkuzat bi frodi ta' Lm12,000 ghad-danni tal-attur. L-attur fetah din il-kawza fejn jitlob lura li jinghata lura s-somma ta' Lm12,000 li l-konvenut zamm ghandu indebitament.

Il-konvenut jaqbel, bazikament, ma dan ir-rakkont tal-grajja, hlief ghac-cirkustanza importanti fejn jallega li meta huma 'ltaqghu barra l-bieb tal-*branch* tal-*Bank of Valletta* tal-Mosta, huwa, hemmhekk, kien tah lura s-somma ta' Lm12,000 u, allura, ma fadallu jaghti xejn lill-attur.

Il-konvenut, ghalhekk, jaqbel li kien se jsir negozju ta' bejgh tal-karozza, jaqbel li kien ha s-somma ta' Lm22,000, jaqbel ukoll li n-negozju fuq il-karozza ma kienx gie konkluz, u jaccetta li *per konsegwenza* kellu jirrifondi dawn il-flus lura lill-attur. Il-konvenut jghid li, fil-fatt, kien raddhomlu lura kollha, waqt li l-attur jghid li ircieva lura biss is-somma ta' Lm10,000. La darba l-attur, anke fuq amissjoni tal-konvenut, ipprova l-kreditu, u l-konvenut qed jecepixxi l-pagament, *sta* ghall-konvenut li jipprova dak li qed jallega, u *cioe'*, il-pagament.

Il-gurisprudenza nostrali hi konsistenti fil-principju li min jallega l-pagament ghandu jipprovah: *"la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega"* – "Apap vs Grech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju, 1885, u "Azzopardi vs Cutajar", deciza

minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1982. Fil-kawza "Cassar vs Agius", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju, 1924, inghad li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizultat favur l-attur (ara wkoll "Scicluna vs Scerri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju, 1951, u "Seychell vs Gabriele", dicisa minn din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 1982). Dan l-ahhar, din il-Qorti fil-kawza "Dalli vs Balzan", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, enfasizat li min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta, tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx, u dan sakemm ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.

F'din il-kawza, li s-soluzzjoni taghha tippernja l-aktar fuq il-kredibilita' tal-partijiet, il-Qorti hi propensa taccetta t-tesi tal-attur u tikkonkludi li l-konvenut ma irnexxielux jipprova l-pagament. Din il-Qorti semghet hi stess liz-zewg partijiet, u thoss li l-attur ressaq lilu nnifsu bhala persuna li qed jghid il-verita' aktar mill-konvenut. L-impressjoni li hadet il-Qorti hu li l-attur hu ftit *naïve* meta affda lill-konvenut b'dawk il-flus kollha, *pero'*, hu bniedem li jghid il-verita' taht gurament. F'kazijiet bhal dawn, hu importanti li x-xhieda tittiehed *viva voce*, bhal ma gara f'dan il-kaz, u dan biex il-Qorti tkun tista' tapprezza l-komportament tax-xhieda u l-mod tad-depozizzjoni taghhom. F'dan il-kaz, kif inghad, il-Qorti tixxaqleb aktar li temmen il-verzjoni tal-attur. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Zammit vs Petrococchino", deciza fil-25 ta' Frar, 1952, *"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet"*. Fil-kawza "Cassar vs Psaila", deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003, intqal li *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fiha ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo. Fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi; il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-*

*ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja".*

Din il-Qorti wara li qieset sew ic-cirkustanzi ta' dan il-kaz u gharblet il-pozizzjoni li hadu l-partijiet, tinklina, kif inghad, li taccetta l-versjoni tal-attur, li hi kredibbli, possibbli u korraborata f'diversi aspetti taghha. L-istorja tal-konvenut tidher li ftit *far fetched*, specjalment meta jiddiskrivi x'gara, skond hu, fid-19 ta' April, 2002, meta l-partijiet iltaqghu biex il-konvenut jaghti l-bilanc ta' Lm12,000 lill-attur. Skond il-konvenut, meta 'ltaqghu filghodu fil-*Bank of Valletta Branch* tal-Belt, hu offra t-Lm12,000 lill-attur, izda dan ma riedx jifferma ricevuta ghas-saldu. Il-konvenut, allura, qal li kien se jiddepozita l-flus fil-kont tal-attur fil-*Branch* tal-Mosta, halli d-*deposit slip* isservi ta' rcevuta. Meta ltaqghu barra l-*Branch* tal-Mosta, il-*Bank* kien ghalaq, u l-konvenut ta' l-flus *cash* lill-attur bla rcevuta. Dan kollu ma jaghmilx sens. Kieku veru l-konvenut kellu l-flus fuqu dakinhar u ried jaghtihom lill-attur, l-attur kien zgur jaccetthom u jiffirma rcevuta, ghax fuq kollox dak li ried. Kieku l-attur kellu xi interess *"jahbi"* dawk il-flus, ma kienx jaccetta lanqas li jigu depozitati fil-kont tieghu l-*Bank*, ghax dik it-tranzazzjoni kienet tkun wahda registrata. *Kwindi*, l-istorja li l-pagament ma sarx ghax l-attur ma riedx jaghti rcevuta, ma tistax titwemmen, specjalment meta irrizulta li l-attur kien hu stess ipprepara *statement* biex tigi iffirmata miz-zewg partijiet darba li l-kaz jigi konkluz.

*Inoltre*, l-istorja li la darba il-konvenut ried rcevuta hu kien se jiddepozita l-flus fil-*branch* tal-Mosta, fil-kont tal-attur, wkoll hija hrafa, ghax jekk ried jiddepozita l-flus fil-kont tal-attur, seta' jiddepozita l-flus dak il-hin fil-*branch* tal-Belt. Darba li kien l-istess *Bank*, il-*branch* tal-Belt kien jaccetta depozitu ghal-go kont ta' klient f'*branch* iehor (kif jumejn qabel, l-istess *branch* tal-Belt kien accetta depozitu fil-kont li *Rita Delmas* kellha fil-*branch* ta' San Gwann), u *kwindi* d-depozitu seta' sar dak il-hin stess. Kieku l-istorja tal-konvenut kienet vera, ma kienx ikun hemm ghalfejn jiftiehmu li jiltaqghu barra l-*branch* tal-Mosta, u l-materja setghet giet maghluqa dakinhar stess filghodu.

Fil-verita', il-konvenut kien gabar il-flus li kienu precedentement gew depozitati fil-kont ta' *Rita Delmas*, izda ma riedx jghaddihom lill-attur. L-ewwel ivvinta l-istorja li *Rita Delmas* kellha tidhol l-isptar fuq emergenza biex jevita li l-attur jiltaqa' maghha w jinsisti ghal-flus (meta hu kien ga gibed il-flus u kienu f'idejh), imbaghad ra x'jaghmel biex meta jkunu f'*bank*, ma jkollux il-flus fuqu, u ried, anzi, li l-attur jiffirma rcevuta ghas-saldu qabel ma jkun ghaddielu l-flus. Il-fatt li *"ittardja"* ma wasal barra l-bieb tal-*branch* tal-Mosta, tidher li kienet ukoll parti mill-pjan tieghu.

Kif xehed Possidio Sciberras, meta fid-19 ta' April, 2002 filghodu l-partijiet 'ltaqghu quddiemu, l-attur ma iffirmax l-ircevuta li talbu biex jiffirma l-konvenut, mhux ghax l-attur ma riedx jiffirma ircevuta, izda ghax hu kien fissirlu li ma kellux jiffirma rcevuta ghas-saldu qabel ma jkollu l-flus kollha f'idejh. Dak il-hin, il-konvenut ma offrhiex li jhallsu l-bilanc ta' Lm12,000 tant li dan ix-xhud qal lill-attur biex jiffirma l-ircevuta biss wara li jkun sar it-*transfer* ta' Lm12,000. F'ebda mument ma jirrizulta li l-attur iriffjuta li jirrilaxxja rcevuta wara li jithallas.

Hija inverosimili wkoll it-tezi tal-konvenut li barra l-*branch* tal-Mosta, hu ta' l-flus lill-attur bla rcevuta ghax hadd ma kellu karta fuqu. L-ewwel nett, dakinhar stess filghodu insista li ma jitlaqx il-flus minn idejh, jekk ma jkollux rcevuta, izda mbaghad, irid jitwemmen li ftit hin wara f'dak l-istess jum, hu ta' l-flus lill-attur bla ebda rcevuta! Fit-tieni lok, il-konvenut qal li mil-Belt baqa' sejjer sal-*branch* tal-Mosta; veru jghid li sab it-traffiku izda ma indikax li mar sad-dar u biddel il-glekk jew ilbies iehor li kien liebes; allura l-ircevuta li kellu filghodu u li ried lill-attur jiffirma meta kienu ghadhom il-Belt, x'sar minnha?! Skond il-konvenut, hu kellu rcevuta, izda sakemm saq sal-Mosta din ma kienetx ghada fuqu, u allura ta' l-flus lill-attur minghajr rcevuta – u dan meta dakinhar stess filghodu, skond hu, ma riedx jaghti l-flus lill-attur, lanqas quddiem xhud, peress li ma kienx se jkollu rcevuta!

Din il-Qorti tqies li l-konvenut mhux kredibbli, u tasal biex taccetta l-verzjoni tal-attur, u *kwindi* t-tabla tieghu ghar-

rifuzjoni tas-somma ta’ Lm12,000 timmerita li tigi milqugha. L-attur jitlob ukoll danni konsegwenzjali, *pero’*, anke kieku dawn huma permissibbli fil-ligi, ma saret ebda prova fir-rigward.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tielet, ir-raba’ u l-hames talba tal-attur, izda tichad l-eccezzjonijiet l-ohra, u tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta’ Lm12,000 (tnax-il elf liri maltin) bl-imghax legali mid-19 ta’ April, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, ghandhom, fic-cirkustanzi, xorta wahda jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------